## Kapitlu 1

# Ħa nfakkrek ftit

Jekk trid tkun taf xi ġrali dan l-aħħar tista' taqbeż dan il-kapitlu kollu u tmur għat-tieni wieħed għax l-istorja minn hemm tibda fil-verità. Imma jekk trid tiftakar ftit qabel ma taqra xi ħaġa ġdida, allura ddawwarx il-paġna minn issa.

Ftit ġimgħat wara li ġejt mir-Renju Udit, għamlet maltempata kbira. Waħda minn dawk ta' ħafna silġ, xita u sajjetti. Il-blalen kesħin silġ tant kienu kbar li faqgħu s-saqaf tal-kamra tal-kotba u waqgħet zoptu. Kemm bkejt dakinhar li rajt kollox jaqa'. Lil oħti Melanie tlabtha tagħmilli kamra oħra imma …



"Eeee!! Nini nini," qaltli. "Tgħid mhux se nagħmillek oħra biex tidħol fiha int biss!" Mhux talli m'għamlitlix kamra oħra, talli bdiet ukoll tgħidli li jien kont qed naħbilha. Bdiet tgħidli li jien kont qed inħarref u naqla' minn żniedi. Skont oħti Mel ir-Renju Udit u r-Re Pankrazju mhux vera kienu jeżistu. U lanqas Teodoro u Furun u l-Kantofonis. Nispera li int għadek temminni, għax issa qed jiġuni d-dubji anki fuqek.

Hmmmmmm!!

Imma emminni. Dak li ġara s-sena l-oħra kien kollu vera. Ħeqq! Jekk ma tridx temmen, tista' tagħlaq il-ktieb u ma tibqax taqra. Jekk trid tista' wkoll tmur ħdejn il-mamà u l-papà u tgħidilhom, "Dan xtrajtuli, jaqq? Kemm hu ikrah!" U tista' ssabbtu mal-art ukoll. Forsi ma tafx kif, titla' lura f'kamartek u ssib viżibilju kotba … **ħeħe** … imbagħad fil-każ ngħidlek fejn noqgħod u ngħidlek iġġibhomli ftit ħalli nerġa' nibni kamra oħra!

ħeħeħeħeħeħeħeħ

ħeħeħeħeħeħeħeħeħe

Bħalissa qed nidħak bik għax qed nimmaġinak b'wiċċek imqarras meta tara dawk il-kotba kollha ma' wiċċek u tkun kważi se tagħmel pipì taħtek …

Imma insomma aħjar nibda nirrakkontalek dak li għandi nirrakkontalek għax naħseb li vera se tagħlaq il-ktieb f'wiċċi. U jkollok raġun. Dan l-aħħar sirt ngħid ħafna. Anki ommi hekk tgħidli.